KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 5

Ir-raba' laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema inżammet il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2012 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Silvio Zammit | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Vivienne Mary Galea Pace | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kristian Busietta | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Pierre Paul Portelli | Kunsillier |
| | Mary Camilleri | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier (wasal fis-6 :30pm) |
| **SKUŻAT** | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Christian Vella | Accountant (għal ħin limitat) |

## 1. APOLOĠIJI

1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (a/SE) informa li kienet waslitlu email mingħand il-Kunsillier Gauci fejn infurmah li ma setax jattendi. Huwa informa li kien tkellem miegħu u kien stabbilit li l-emails mhux qed jaslulu u kien għalhekk li kien laħaq għamel impenji oħra. Għal dan il-għan il-Kunsill qies in-nuqqas ta' attendenza ġustifikat filwaqt li kien hemm qbil li l-minuti jkunu emendati biex minflok assenti jitniżżel skużat. Kopja tal-email annessa f'A. *Nicolai Gauci skużat.*

## 2. RISPOSTA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI

2.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li għandu immedjatament jiddiskuti t-tieni item fuq l-aġenda biex ikun jista' jistieden lill-*Accountant* ħalli jispjega l-ittra ta' direzzjoni u kif il-Kunsill għandu jwieġeb. *Spjega mill-Accountant tal-Kunsill.*

2.2 L-Accountant Christian Vella spjega punt punt mill-ittra ta' direzzjoni u ppreżenta l-abbozz ta' risposta għalihom. Huwa kompla wkoll li b'mod ġenerali

ma kienx hemm problemi u li kien hemm huma aktar suġġerimenti għal titjib.

2.3 B'riferenza għall-kummenti dwar il-proġett ta' QSS s-Sindku informa li kien iltaqa' ma' Polidano Group ġurnata qabel fejn qablu li jiltaqgħu il-ġimgħa ta' wara fejn ikun hemm l-Accountant u l-Perit ħalli possibilment din il-kwistjoni tiġi kunkluża. Huwa informa Polidano għadu interessat li jagħmel xogħol ieħor bħala parti mill-kuntratt tat-toroq. Polidano ta wkoll indikazzjoni li mis-sit fi Triq San Pawl se jkun imneħħi l-iżgombru kollu. *Il-ħlas lil Polidano Group.*

2.4 Il-Viċi Sindku staqsa dwar kif taħdem il-contracts management fee u jekk din tgħaddix lill-contract manager. Is-SE wieġeb fin-negattiv u informa li din titnaqqas mill-kont biex il-Kunsill jużaha hu biex jimmaniġġja l-kuntratt. *Contracts Management fee.*

2.5 F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Pillow.

2.6 Il-Kunsillier Radmilli staqsa x'inhi s-sitwazzjoni dwar il-kontijiet pendenti ma' Wasteserv. L-Accountant informa li l-ammonti kif rikonċiljati minn Wasteserv qed jaqblu ma' dawk tal-Kunsill u l-unika pendenzi huma dawk li l-Kunsill mhux qed jieħu finanzjament għalihom. *Kontijiet pendenti ma' Wasteserv.*

2.7 Il-Kunsillier Busietta staqsa dwar il-kwistjoni tal-Project Management Group. Il-Kunsill kien infurmat li qed nistennew appuntament biex issir laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill ikun jista' jieħu direzzjoni. *Sitwazzjoni tal-kwistjoni ma' Project Management Group dwar il-fairy lights.*

2.8 Il-Viċi Sindku tkellem fuq il-kwistjoni tan-nuqqas ta' irċevuti mill-aġenzija tal-Gwardjani għal servizzi speċjali (krejnijiet eċċ) li ssemmiet fl-ittra ta' direzzjoni. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din għandha tkun riferuta lid-Dipartiment. *Irċevuti għas-servizzi ta' gwardjani mal-krejnijiet.*

2.9 F'dan il-ħin il-Kunsill irringrazzja lill-Accountant filwaqt li ħalla l-laqgħa. Il-ħin kien is-18:57.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.1 Kienu ippreżentati l-minuti li kienu meqjusa moqrija.

3.2 Is-Sindku informa li l-kwistjoni tat-talba biex jitpoġġa *tower crane* fi Triq il-Kbira issa kienet solvuta għaliex intervjena biex il-krejn jitpoġġa f'art privata u l-ftehim sar. *L-applikazzjoni għall-krejn fi Triq il-Kbira.*

3.3 Il-Kunsillier Busietta informa li l-Kampanja ta' tindif għandha tkompli. Saret laqgħa mad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Indafa biex ikompli jsir kordinament aħjar. Kien hemm qbil biex l-attività li jmiss issir fil-21 ta' Ġunju filgħaxija fiż-żona tas-Sacro Cuor filwaqt li kien hemm qbil li għandha ssir qabel kull festa. *Kampanja Let's be Smart Tas-Sliema bla Skart.*

3.4 Il-Kunsillier Radmilli ippropona emendi fil-minuti billi s-seba' u t-tmien sentenzi ta' para.3.14 jiġu jaqraw hekk: *Emenda fil-minuti para 3.14.*
*Il-Kunsilliera Marianne Aquilina qalet li l-Kunsill kien diġà ltaqa' mal-Ministru u kien infurmah li ma jaffordjax li jżomm il-manutenzjoni tal-Ġnien l-ieħor propost għax-Xatt. Il-Kunsillier Radmilli esprima li per principju jagħmel sens li Ġnien bħal dan jiġi delegat lill-Kunsill iżda għandu jsir każ biex jiżdied il-baġit.*

3.5 Kien hemm qbil ukoll biex para. 3.16 ikun emendat biex jaqra kif ġej: *Emenda fil-minuti*

*Il-Kunsilliera Marianne Aquilina staqsiet jekk l-art li hemm ix-Xatt ta' Tigne (qabel il-mina) hux tal-Gvern jew ta' Mizzi Group. Il-Kunsilliera Galea Pace staqsiet jekk hux se jsir parkeġġ. Il-Kunsillier Radmilli qal li dan il-proċess (tal-parkeġġ) għadu għaddej u hemm applikazzjoni għall-permess mal-MEPA.* *para 3.16.*

3.6 Il-Kunsillier Radmilli tkellem dwar is-sistema ta' ġbir ta' skart filgħaxija fejn informa li kienu mistoqsija l-Kunsilli Lokali u minn stħarriġ li għamlu sabu li l-aħjar ħin kien bejn is-6pm u t-8pm. Informa li saret laqgħa wkoll mal-kuntrattur dwar x'jaħseb dwar din is-sistema. Il-kuntrattur informa li aktarx li l-ispiża tal-ħaddiema tikber iżda fl-istess ħin aktarx li r-rotta ssir f'inqas ħin minħabba li jkun hemm inqas għeluq ta' toroq u għalhekk ikunu ffrankati l-ispejjeż għad-diesel. Infatti kien qiegħed jikkalkula li l-ħin tar-rotta jonqos b'madwar siegħa mill-erba' siegħat li jieħu filgħodu. Il-kuntrattur informa wkoll li l-inqas skart li jiġbor huwa nhar ta' Tnejn. Il-Kunsillier Radmilli kellu l-impressjoni li l-aħjar ħin ikun mis-7:30pm sal-10:30pm. Fl-aħħar nett kien infurmat ukoll li f'lokalitajiet oħra li għandhom is-servizz filgħaxija, is-Sibtijiet jiġbruh filgħodu. Kien hemm qbil li dan is-suġġett ikun inkluż fuq l-aġenda li jmiss. *Ġbir ta' skart filgħaxija.*

3.7 Is-Sindku għamel riferenza għall-kwistjoni tal-ħlas ta' Med Developers fejn informa li minħabba li ma kienx għadu analizza l-informazzjoni li kienet twasslitlu, kien ikun aħjar li titressaq f'laqgħa oħra. *Ħlas lil Med Developers.*

3.8 Is-Sindku informa li, b'riferenza għad-deċiżjoni tal-Kunsill li jippubblika fuljett li jikkommemora l-okkażjoni speċjali taċ-ċentinarju tas-Sliema Aquatic Sports Club, wara li kienu intalbu stimi pubbliċi għall-istampar, kienet ingħatat l-ordni lill-irħas offerent, ċoè lil Gutenberg Ltd, minħabba li x-xogħol kien wieħed urġenti. Il-kunsill approva unanimament. *Stampar ta' ktejjeb Ċentinarju.*

3.9 F'dan il-ħin tqajmet ittra bl-avukat dwar talba biex il-Kunsill jawtorizza li jitwaħħal *meter* tad-dawl fiss għal gabbana mobbli fi QSS. Kien hemm diskussjoni jekk din għandiex titressaq dak il-ħin jew le minħabba li l-Kunsillieri ma kinux konxji minnha. Wara li ma kien hemm l-ebda qbil, il-Kunsillier Portelli ippropona li l-laqgħa tkun sospiża għal ftit ħin. Issekondat il-Kunsilliera Camilleri filwaqt li l-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa għal ħames minuti. Il-ħin kien is-19:27. *Sospensjoni tal-laqgħa.*

3.10 Fis-19:35 tkompliet il-laqgħa.

3.11 Meta kompla l-laqgħa l-Kunsill għadda biex japprova l-minuti. Dawn kienu approvati kif emendati b'mod unanimu. *Approvazzjoni tal-minuti.*

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku informa li kien irċieva korrispondenza mingħand is-Sależjani għall-possibiltà ta' attivitajiet u inizjattivi konġunti. Il-Kunsill qabel li hemm lok kbir ta' kollaborazzjoni li jistgħu jinkludu proġetti b'fondi tal-UE bi sħab. *Talba mis-Sależjani għall-kollaborazzjoni.*

4.2 Is-Sindku qara ittra li kienet waslet mingħand l-avukati Filletti and Filletti għan-nom ta' Jonathan Vella li ried lill-Kunsill jawtorizzalu t-tpoġġija ta' *meter* tad-dawl b'mod fiss fi QSS biex ikun jista' jikkonnettja d-dawl tal-kiosk mobbli tiegħu. Is-Sindku informa li l-awtorizzazzjoni ma kinitx ingħatat minħabba l-fatt li dak kien kiosk mobbli u għalhekk, jekk il-Kunsill jawtorizza *meter* fiss ikun *Applikazzjoni għall-meter tad-dawl minn sid ta' gabbana mobbli.*

ifisser li l-Kunsill qiegħed jawtorizza li jkun hemm kiosk fiss ukoll. Is-Sindku għamilha ċara li ma jrid bl-ebda mod inaqqas xi drittijiet li għandu l-applikant u għalhekk l-oġġezzjoni kienet biss fuq jekk għandux ipoġġi *meter* fiss jew le. F'dan il-ħin is-Sindku ippropona li din għandha tkun ittrattata mal-avukat tal-Kunsill. Il-Kunsillieri Aquilina, Camilleri u Briguglio ma qablux u sostnew li, la darba hemm kiosks oħra b'*meter* tad-dawl simili, ma kienx ġust li ma jingħatax permess hu. Huma infatti semmew żewġ kiosks oħra li kellhom din il-faċilità. Sostnew ukoll li, la darba hu kien f'post fix-Xatt u kien tneħħa minn TM minħabba t-trasport pubbliku, allura kien xieraq li jingħata post alternattiv. Il-Viċi Sindku stqarr li wieħed irid jivverifika l-oħrajn x'permessi għandhom għaliex wieħed ma jistax jassumi li huma każijiet simili. Wara li d-diskussjoni tkompliet kien hemm qbil li dan il-każ ikun ittrattat mal-avukat.

## 5. HLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' XIRI/ORDNIJIET

5.1 Ġiet ippreżentata l-lista tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Kienu ippreżentati wkoll il-lista ta' ordnijiet u l-lista ta' dħul għax-xahar ta' Mejju. Dawn huma annessi f'A, B u Ċ rispettivament. *Lista ta' pagamenti, ordnijiet u dħul.*

5.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Portelli il-Kunsill qabel li jordna żewġ bnadar tal-Kunsill ta' qies 4x3m biex ikunu mdendla ma' żewġ arbli li hemm fi Triq Dingli u fil-Ferries. L-a/SE informa li l-informazzjoni li ngħata kien li l-arbli m'humiex tal-Kunsill. Madanakollu meta saru mistoqsijiet lill-każini mill-Viċi Sindku kien stabbilit li dak ta' Triq Dingli kien tal-Kunsill u l-ieħor kien hemm il-permess biex jintuża. Kien hemm qbil ukoll li jkun irranġat l-arblu ta' Triq Dingli. *Xiri ta' bnadar.*

5.3 Il-Kunsillier Briguglio għamel riferenza għall-*Bicycle racks* u informa li minkejja d-deċiżjoni tal-Kunsill, f'xi postijiet ma setgħux jitpoġġew dawk oriġinalment magħżula u għalhekk, fejn ma kienx hemm spazju kien hemm qbil li jkunu ordnati dawk forma ta' rota. *Bicycle racks.*

5.4 Il-Kunsillier Briguglio informa li min-naħa tal-Librerija kienet saret talba biex ikunu ordnati sitt siġġijiet għall-etajiet ta' bejn 4 u 7 snin biex kull nhar ta' Sibt ikunu organizzati sessjonijiet ta' *story telling* mil-librara stess. Il-Kunsill approva. *Story telling fil-librerija.*

5.5 Il-Kunsilliera ipproponiet li titpoġġa *notice board* fejn il-Knisja ta' Stella Maris. Il-Viċi Sindku ippropona li din għandha titpoġġa minflok il-*bins* ta' fejn Scotts Supermarket. Kien hemm qbil li ssir *notice board free-standing* u possibilment fuq disinn oriġinali. *Notice board.*

5.6 F'dan il-ħin il-Kunsillier Busietta saħaq fil-bżonn li l-bins ikunu kollha uniformi. *Litter bins uniformi.*

5.7 Il-Kunsillier Pillow informa li n-*notice board* tal-Kunsill kellha tkun irranġata għax kien hemm il-periklu li taqa'. *Notice board tal-Kunsill.*

5.8 L-a/SE informa li l-*photocopier* kienet bil-ħsara u kien jidher li l-ħsara hija kbira wisq biex ikun vjabbli li tissewwa. Kien hemm qbil li għandha ssir indaġni dwar jekk jaqbilx li tinxtara jew tkun taħt kuntratt ta' *leasing*. *Photocopier.*

5.9 L-a/SE informa li fil-perijodu tas-sajf il-latrini kienu jinfetħu għal ħin itwal bi ħlas addizzjonali. Il-Kunsill qabel li jipproċedi kif isir is-soltu. *Ħin ta' ftuħ itwal għal-latrini fis-sajf.*

5.10 Fuq proposta tal-Kunsillier Portelli kien hemm qbil li għandhom jinħarġu l-offerti biex issir il-*website* tal-Kunsill. M'għandux ikun indikat l-ammont li l-Kunsill ikun lest li jħallas. *Offerti għall-website.*

5.11 Is-Sindku informa li, b'riferenza għall-para. 8.3 tal-minuti tal-laqgħa preċedenti kien kiseb stima oħra mingħand ELC li kienet tammonta għal €754. Il-Kunsill approva. *Proġett ta' tisbieħ f'Fond Għadir (fejn ix-shadows).*

5.12 Il-Kunsillier Pillow informa li l-ELC il-ġimgħa ta' qabel kienu ħawwlu 2500 pjanta tal-fjuri max-Xatt. Kienu ħawwlu wkoll 4500 xitla tal-fjuri fi Ġnien l-Indipendenza. *Informazzjoni dwar tħawwil ta' xtieli tal-fjuri*

5.13 L-a/SE informa li kienu għalqu l-kwotazzjonijiet għall-provista ta' żebgħa tat-toroq u sinjali tat-traffiku. Il-Kunsill qabel li jintgħażlu l-irħas offerti. *Kwotazzjonijiet.*

5.14 L-a/SE informa li, minħabba li fi ftit ħin ieħor il-Kunsill kien se jiddiskuti l-impjieg ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid, ħass li kellu jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li ma kienx hemm linja ċellulari biex ikun jista' jsir kuntatt mas-SE f'każ ta' bżonn. Huwa għalhekk kien qiegħed jipproponi li l-Kunsill jixtri linja meta jidħol fl-impjieg is-SE. Huwa informa li permezz ta' kuntratt ta' madwar €95 il-Kunsill effettivament kien jiffranka l-flus filwaqt li jkun hemm aċċess f'kull ħin għall-emails. Il-Kunsill qabel unanimament qabel mal-proposta tal-a/SE. *Linja tat-telefon ċellulari.*

## 6. ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

6.1 Is-Sindku ressaq ir-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Huwa informa li l-Bord b'mod unanimu kien qiegħed jirrakkomanda lill-Kunsill li jaħtar lis-Sur Matthew Dimech, li ġie l-ewwel miż-żewġ kandidati intervistati. *Preżentazzjoni tar-rapport tal-Bord tal-Għażla*

6.2 Il-Kunsill għalhekk qabel li jitlob lid-Dipartiment biex jaħtar lis-Sur Matthew Dimech, preżentament jaqdi l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Msida, bħala Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Lokali Tas-Sliema b'effett immedjat. *Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv*

6.3 Il-Kunsill irrikonoxxa wkoll il-bżonn li s-Sur Paul Gatt jibqa' għal xi żmien jassisti lis-Sur Dimech u għalhekk qabel li għas-siegħat xogħol li jagħmel f'dan ir-rigward, għandu jkun imħallas bir-rata ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv. *Assistenza mis-Sur Paul Gatt lis-Sur Dimech.*

6.4 Il-Kunsillier Portelli talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. It-talba intlaqgħet.

## 7. PROMOZZJONI GĦAL IMPJEGAT TAL-KUNSILL

7.1 L-a/SE informa li kienet twaslitlu talba mingħand l-impjegat Daniel Micallef biex jogħla għal skala 11 minħabba li kien qiegħed jagħmel ammont kbir ta' xogħol ta' responsabbiltà ogħla milli mistenni mill-iskala li għandu fil-preżent. *Talba għal promozzjoni mis-Sur Daniel Micallef.*

7.2 Kien hemm kliem ta' tifħir għas-Sur Micallef minn kull membru preżenti, inkluż mill-a/SE u kien hemm qbil li jimmerita promozzjoni. Madanakollu, fid-dawl li kien se jkun maħtur SE ġdid, kien hemm qbil li jkun xieraq li jkun hu li jressaq il-

proposta wara li jagħmel evalwazzjoni tas-sitwazzjoni. Min-naħa tal-Kunsill però kien qiegħed jagħti rapport pożittiv ħafna.

## 8. RAPPORTI MIS-SOTTOKUMITATI

8.1 Il-Kunsillier Briguglio informa li kienu saru diversi irranġar fil-bajjiet mill-MTA wara li ltaqa' magħhom. *Irranġar fil-bajjiet.*

8.2 Il-Kunsillier Busietta informa li kien sejjaħ laqgħa dwar it-tindif fejn kien konkluż li jsir ħasil tat-turġien lejn il-bajjiet. Issemma li kien hemm suspett li xi ħadd minn gabbana fil-viċin qiegħed jitfa' l-ħmieġ. Il-Kunsillier Briguglio innota li l-ħmieġ ma kienx qiegħed jinġabar. *Laqgħa dwar it-tindif.*

8.3 Il-Kunsillier Briguglio ippropona li ssir laqgħa ma' uffiċjali tal-MRRA dwar il-bżonn ta' aktar tindif. Il-Kunsillier Radmilli ippropona li jagħmel laqgħa mad-Direttur tas-Servizzi tal-Indafa biex jiddiskuti din il-problema.

8.4 Il-Kunsillier Briguglio informa li kellu laqgħa mas-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat, dwar il-*Green Wardens* fejn infurmah li jekk il-Kunsill ikollu jġib il-gwardjani biex jissorveljaw ċertu kontravenzjonijiet kienu jiswew madwar €200 fil-ġimgħa għal total ta' ħames siegħat. Huwa informa wkoll li f'dik il-ġimgħa stess kien bagħat il-*Green Wardens.* *Servizz ta' Green Wardens.*

8.5 Il-Viċi Sindku iddikjara kontra li jkun hemm 'bumbardament' ta' gwardjani f'Tas-Sliema għax ħass li ma jkunx ġust fuq ir-residenti. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku informa li kien sar rapport lill-Pulizija dwar parkeġġ illegali u xi Pulizija qalu lin-nies li kien il-Viċi Sindku li rrapporta. Il-Kunsill iddikjara dan l-aġir tal-Pulizija u qabel li għandu jagħmel rapport dwar dan lill-Kummissarju tal-Pulizija. *Allegazzjoni ta' aġir irresponsabbli minn membri tal-Pulizija.*

8.6 Il-Kunsillier Radmilli appella biex il-Kunsill jimxi ma' prijoritajiet fejn jidħol infurzar u s-siegħat jinqasmu skont l-importanza li jagħti l-Kunsill. Kien hemm qbil għalhekk li, mill-ħames siegħat li l-Kunsill għandu jalloka għal servizz addizzjonali ta' infurzar, sagħtejn għandu jmur fuq ħmieġ tal-ħlieb, sagħtejn fuq karozzi li jipparkjaw abbużivament fuq il-bajjiet u siegħa fuq ħmieġ u ħruġ ta' skart mhux kif suppost. Għalkemm issemmew ukoll il-kontrolli fuq il-krejnijiet, il-Kunsill qabel li dawn għalissa għandhom ikunu kkontrollati mill-gwardjani tar-rotta. *Prijoritajiet ta' kontrolli ta' infurzar.*

8.7 Il-Viċi Sindku appell biex l-ewwel isiru sinjali li jindikaw b'mod tajjeb li wieħed ma jistax jipparkja u għalissa wieħed jiffoka fuq l-'Exiles'. Il-Kunsill qabel. *Tabelli indikattivi.*

8.8 Il-Kunsillier Briguglio informa li kellu kuntatti ma' artisti li jpinġu fuq ħitan ta' ċertu kobor fuq barra bil-ħsieb li jagħmlu tpinġija fuq ħajt fi Triq QSS. Huwa kien għadda informazzjoni lill-Kunsillieri kollha u anki kien hemm filmat fejn saru xogħlijiet simili. Informa li dan ma kien jiswa xejn lill-Kunsill. Il-Kunsill approva li jkompli l-kuntatt magħhom biex isir kif propost. *Tpinġija fuq ħitan.*

8.9 Il-Kunsillier Briguglio ippropona li ż-żoni għall-għawwiema biss għandhom ikunu estiżi għan-naħa tal-Exiles u QSS min-naħa tax-*Chalet* sal-bajja. L-MTA infurmawh li din is-sena għandha ssir it-talba iżda l-implimentazzjoni ssir is-sena d-dieħla. *Żoni tal-għawm.*

8.10 Il-Kunsilliera Galea Pace infurmat li kien hemm xquq min-naħa tal-'għerien' fiż-żona tas-Sliema Sports Aquatic Sports Club u li b'riżultat kien qiegħed joħroġ bħal trab abjad fil-baħar eżatt taħt il-linja tal-ilma. *Trab li qed jinżel fil-baħar.*

8.11 Il-Kunsilliera Camilleri infurmat li kienet għamlet indaġni dwar 'kits' għall-ħmieġ tal-klieb biex ikun faċli li wieħed jiġbor il-ħmieġ u l-Kunsill ikun jista' jagħmel kampanja dwar dan. Hija ssuġeriet li l-Kunsill jikkonsidra kartuna li normalment tintuża meta jbiegħu il-*hot dogs* u li tkun tista' tiġi modifikata għal dan il-għan. Din il-idea intlaqgħet tajjeb mill-Kunsill. *Dog poop kits.*

## 9. APPLIKAZZJONI GĦALL-PROĠETT TAL-UE (ESF)

9.1 L-a/SE informa li, fuq inizjattiva ta' TCTC kienu iltaqgħu numru ta' Kunsilli Lokali bil-ħsieb li japplikaw għall-proġett taħt il-Fond Soċjali Ewropej (ESF) biex isir taħriġ għan-nisa ħalli jew jidħlu fid-dinja tax-xogħol jew itejbu x-xogħol tagħhom. L-isem ta' dan il-proġett huwa W.O.M.E.N. *Proġett taħriġ għan-nisa.*

9.2 Huwa informa li kien hemm interess kbir mill-Kunsilli Lokali biex jidħlu bi sħab u qal li proġett simili taħt l-istess fond kien diġà sar b'suċċess kbir fejn hu kien involut fil-kariga tiegħu mal-Kunsill Lokali Naxxar.

9.3 L-a/SE kompla informa li, minħabba li ż-żmien għall-applikazzjoni kien limitat kellu jikkonsulta mas-Sindku u mal-Kunsillieri responsabbli fejn qablu li l-Kunsill kellu jkun parteċipi f'dan il-proġett b'ko-finanzjament ta' €3,000. Huwa kompla li għalkemm kienu qed ikunu kommessi dawn il-flus, żgur li ma kinux se jkunu meħtieġa mill-baġit ta' din is-sena. Dan l-ammont jirrifletti wkoll fi proġett ta' valur totali ta' €20,000 għal Tas-Sliema biss. *Ko-finanzjament tal-proġett.*

9.4 Fl-aħħar nett l-a/SE informa li l-persuna li kien se jimmaniġġja l-proġett kien propju s-Sur Matthew Dimech li kien għadu kemm ġie magħżul għal Segretarju Eżekuttiv. *Tmexxija tal-proġett.*

9.5 Il-Kunsill approva unanimament.

## 10. IS-SITWAZZJONI TAL-PONT TA' TRIQ IL-KULLEĠĠ IL-QADIM

10.1 Il-Kunsillier Briguglio ippropona li għandu jkun hemm rapport tekniku mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-Pont. Il-Kunsill qabel. *Rapport dwar il-pont.*

10.2 Il-Kunsilliera Aquilina infurmat li dan kien diġà ġie diskuss fil-Kunsill Lokali preċedenti.

## 11. ĦWEJJEĠ OĦRA

11.1 Il-Viċi Sindku informa li kien se jsejjaħ laqgħa tas-sottokumitat għat-traffiku it-Tlieta 26 ta' Ġunju fl-10am. Informa wkoll li kien se jorganizza laqgħa mal-Pulizija il-ġimgħa ta' wara u għalhekk talab biex jekk hemm xi ħadd li kellu xi punti x'jixtieq jiddiskuti jgħaddihomlu. Huwa informa li l-prijorità li kien qed jiffoka fuqha hija l-parkeġġ għar-residenti. Il-Kunsilliera Aquilina infurmat li permezz tal-Kunsill preċedenti kien hemm il-materjal kollu lest. *Laqgħa sottokumitat traffiku.*

11.2 Il-Viċi Sindku informa li l-membri fuq is-sottokumitat kien hemm rappreżentanti *Membri tas-sottokumitat.*

tal-Pulizija (l-Ispettur Martin Bayliss u s-Supretendent tal-Pulizija D'Anastasi), rappreżentanti ta' TM, David Soler, Dr Simon Camilleri, Philip Galea Souchet, Albert Caligari u David Zammit Gauci.

11.3 Issemmiet l-applikazzjoni għall-attività ta' San Girgor fejn il-Kunsill approva li ssir kif mitlub. *Attività San Girgor.*

11.4 Il-Kunsillier Pillow informa li t-tappieri fi Triq QSS kienu fi stat ħażin ħafna. Kien hemm qbil li kellha tittieħed azzjoni biex dawn ikunu rranġati kemm jista' jkun malajr. *Tappieri fi Triq QSS.*

**12. DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

12.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir fil-11 ta' Lulju 2012.

15.2 Is-seduta intemmet fl-22.12.

Minuti approvati llum 11 ta' Lulju 2012.

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Paul Gatt**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**